*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 17

IL-Tlieta 4 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ishmael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **17.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 17.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li s-Sur Ishmael Dalli kien avza li se jattendi ghall-laqgha ftit tard. |
| **17.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 17.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 16 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 17.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit ppropona u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 16 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **17.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 17.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jkun qed jiddiskuti mar-Regjun Xlokk rigward il-*grant* ta' 3,000Eur li se jinaghta ghall-ispejjez tal-Perit ghas-*Slow Streets Projects*. |
| 17.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jkun qed jorganizza laqgha mas-Sindki ta' Rahal Gdid u l-Fgura sabiex tigi diskussa l-materja tal-konfini. |
| 17.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li r-rikjesta li saret lill-Awtorita tat-Turizmu sabiex jitranga fejn it-Tempji Neolitici ghadha pendenti ghax il-Kunsill ghadu ma' rcieva l-ebda risposta. Is-Sindku spjega li se jkun qed jerga' jikkominika mal- Awtorita tat-Turizmu f'dan ir-rigward. |
| 17.3.4 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Christian Pace jekk ghandux proposta tad-data li fiha se tigi ccelebrata Jum Ħal Tarxien. Is-Sur Christian Pace informa l-Kunsilliera prezenti li qed jevalwa l-ahjar gurnata sabiex jigi celebrat Jum Ħal Tarxien u fakkar li bhalissa bic-cikotanzi tal-pandemija COIVD-19 ma' jkunx ghaqli jekk il-Kunsill jikkometti ruhu ghal gurnata partikolari. |
| 17.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li hu attenda ghall-quddies tal-pellegrinagg tal-Madonna tad-Duttrina wahdu ghax hekk kienet l-istedina tal-Arcipriet, ghar-raguni li minhabba l-pandemija COVID-19 hemm limitazzjoni tal-ammont tan-nies li jkunu prezenti minhabba d-distanza socjali. |
| 17.3.6 | Permess ta' komunikazzjoni mill-Arcipriet ta' Ħal Tarxien is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar is-6 ta' Settembru 2020 li hija l-gurnata tal-Festa tal-Lunzjata se tohrog il-vara u se jintrama artal barra l-Knisja sabiex issir quddiesa. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 17.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li hemm xi assi tal-Kunsill li mhux tajba u li huma ghar-rimi u prezenta l-lista bir-ritratti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu l-Kunsilliera prezenti sar qbil li dawn l-assi jintremew,(lista annessa ma' dawn il-minuti). |
| 17.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li jehtieg li ssir uniformi gdida ghall-haddiema tal-Kunsill, kemm ghal dawk li jahdmu fuq barra kif ukoll ghal dawk li jahdmu gewwa u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista ssugerixxa li tinaghta wkoll beritta lill-haddiema li jahdmu barra. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-uniformi ssir u anke tinaghta beritta lill-haddiema tal-Kunsill li jahdmu fuq barra. |
| 17.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li saret rikjesta minn residenti ta' Triq il-Fieres sabiex tigi *One-Way*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li tigi nstallata *Sleeping Police* u l-Kunsill josserva kif se tigi affetwata t-Triq qabel ma' ssir rikjesta ghall-*One Way* ma' Transport Malta. |
| **17.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 17.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **17.5** | **Rapporti** |
| 17.5.1 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace informa l-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mas-Supretendent tal-*Heritage* Malta rigward proposta li tinzamm wirja d-Dar tal-Kejka fix-xahar ta' Ottubru 2020 bl-affarijiet punici li nstabu fl-oqbra f' Ħal Tarxien. Is-Sur Christian Pace semma wkoll li l-*Heritage* Malta qed tipprova tippreserva l-akwata ta' fejn instabu l-oqbra ghaldaqstant bhalissa ghandhom sitwazzjoni delikata hafna.<br><br>Is-Sur Christian Pace informa l-Kunsilliera li l-*Heritage* Malta aprezzaw hafna l-interess li wera l-Kunsill flimkien mar-residenti tal-lokalita' u spjega li anke gie offrut mill-Kunsill li l-wirja ddum aktar anke ghal fatt li f'Ottubru 2020 se jkun hemm il-*European Heritage Week*. Is-Sur Pace informa l-Kunsill li din it-talba giet milqugha u s-Supretendent Tal-Heritage offra wkoll li jinzammu workshops li fihom se tintalab il-partecipazzjoni tat-Tarxien Scouts fejn ha jitnaddaf xi fuhhar.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace informa l-Kunsilliera prezenti li se jkun qed jikkomunoka mas-Supretendent fil-granet li gejjijn u nforma lill-Kunsill li probabbli l-ispejjez tal-wirja li huma minimi jinqasmu bejn il-*Heritage* Malta u l-istess Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-wirja ghandha u l-Kunsill ghandu jghin fl-ispejjez. |
| 17.5.2 | Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli informa lill-Kunsilliera prezenti li bghat korrispondenza lill-ufficjal responsabbli mill-*Achievers scheme* sabiex tinaghta estenzjoni ghall-attivitajiet proposti mill-Kunsill. Is-Sur Neil Portelli spjega li minhabba l-pandemija tal-COVID-19 ikun ghaqli li l-attivitajiet ma jinzammux bhalissa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghandha tintalab estenzjoni ghall-attivitajiet. |
| 17.5.3 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera prezenti li irciviet ir-rapport tal-*Health and Safety* mill-kunvent tas-Sorijiet ta' Triq Carmel u talbet li ssir *Keep Clear* mal-faccata tal-*Fire Exit*. Is-Sa Darlene Vella Zammit Darlene infurmat lill-Kunsill li l-kunvent riedu jinstallaw *bollards* imma spjegat kif dawn mhux permessibli. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li bollards ma' jigux installati u titwahhal il- *Keep Clear* mal-faccata tal-*Fire Exit*. |
| 17.5.4 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera b'rikjesta minn resident sabiex jitwahhlu tabelli tal-*Motorcycle Bays* f'parkeggi li huma tal-muturi. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li t-tabelli li jitwahhlu jridu jkunu l-istess kullimikien, jithalsu minn min qed jitloba u jitwahhlu minn naha tal-Kunsill Lokali. |
| 17.5.5 | Il-Kunsilliera s-Sa Anabelle Marmara' infurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-attivita' *read with me* li kellha tinzamm fil-5 ta' Awwissu 2020 fis-sala tal-Erwieh giet kancellata minhabba l-mizuri l-godda tal-pandemija COVID-19. |
| 17.5.6 | Il-Kunsilliera s-Sa Anabelle Marmara' infurmat lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attendiet ghall-laqgha mal-*Cat feeders* tal-lokalita' sabiex tiddiskuti u tindirizza l-iskema tal-*Animal Welfare* li applika ghaliha l-Kunsill. Is-Sa Anabelle Marmara' spjegat li l-applikazzjoni tird taghddi ghall-approvazzjoni tal-*Bord* inkarigat mill-iskema. |
| 17.5.7 | Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista staqsa ta' min hi it-*Telephone Box* li qieghda nstallata fil-Pjazza u staqsa jekk tintuzax. Is-Sur Thomas Debattista talab li tibqgha nstallata fejn hi wara li titranga l-Pjazza. Is-Sindku informa l-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv se jkun qed jivverifika min ghandu f'idejh il-kontroll tat-*Telephone Box* sabiex jinaghta permess li tinzamm fejn qieghda. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 17.5.8 | Permezz ta' korrispondenza datata 4 ta' Awwissu 2020 minghand il-Kuntrattur Green MT il-Kunsill gie nfurmat li mill-1 ta' Settembru 2020 ser ikun hemm tibdil fil-metodu ta' kif jingabar il-hgieg fil-lokalita'. Il-Green MT habbret li l-facilita tal-Wasteserv mhux se taccetta aktar li l-hgieg jingabar fil-kaxxi tal-kartun jew boroz tal-plastik u min jaghmel hekk jehel multa, ghaldaqstant il-Green MT qed jenfasizzaw li l-hgieg jitpogga gol-*bins* iz-zghar li provdew il-Wasteserv sabiex il-hgieg jidbattal minnhom u l-*bin* jerga' jitqieghed vojt fuq il-bankina. Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li ghandha tinzamm laqgha ma' Sindki ta' lokalitajiet ohra f'dan ir-rigward. |
| 17.5.9 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace nforma l-Kunsilliera li persuna gibdet l-attenzjoni tieghu li l-qsari li gew provduti minn *Infrastructure* Malta se jkunu kbar wisq ghal *pots.* Is-Sindku spjega li dawn il-qsari u l-*pots* se jkunu qed jiehdu hsiebom *Infrastructure* Malta ghat-tlitt snin li gejjijn. |
| **17.6** | **Mozzjonijiet** |
| 17.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **17.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 17.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li sar l-*opening* tat-*Tender* tal-knis u se jigi evalwat fil-jiem li gejjijn. |
| ***Il-hin huwa s-7:30pm u dahal ghall-laqgha l-Kunsillier is-Sur Ishmael Dalli.*** | |
| **17.8** | **Progett tal-Pjazza** |
| 17.8.1 | Is-Sindku ta' spjegazzjoni tal-laqgha li nzammet flimkien mal-Kunsilliera u l-Perita ta' *Infrastructure* Malta rigward il-progett tal-Pjazza u talab approvazzjoni mill-istess Kunsilliera fuq il-punti mnizzla li kien mifthiem waqt il-laqgha tal-progett tal-Pjazza;<br><br>• Li ma' jkunx hemm parkegg il-Pjazza;<br>• L-ewwel isir il-parkegg ta' fejn l-iskola u ssir Triq Sqajjaq;<br>• Fuq parir tal-Perita il-*planters* tal gebel kantuniera ma' Triq Birbixilla jitnehhew sabiex il-Pjazza tikber;<br>• Il-Pjazza kollha issir bil-pavimentar sa Triq Palma u minn fejn jghaddu l-karozzi isir bit-tarmakk;<br>• Dhul u hrug minn wara l-Knisja se jkun minn fejn l-*istage*;<br>• Fin-nofs tal-pavimentar tal-Pjazza se jkun l-arma tal-lokalita' bl-insinja (il-Fenici Holquna);<br>• Wara l-Knisja se jsir bit-tarmakk u Triq Sqajjaq bil-pavimentar. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-punti imsemmijja mis-Sindku gew approvati. |
| **17.9** | **Xoghol ta' Infrastruttura** |
| 17.9.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li l-hsara li saret incidentalment minn vettura fuq il-monument tal-gwerra ser tkun qed tithallas mill-*Insurance* tal-individwu.<br><br>Is-Sindku spjega li wara li nzammet laqgha mal-Kunsilliera prezenti u mal-Perita sabiex jigi diskuss ir-rinovazzjoni tal-monument tal-gwerra gie deciz li l-monument jibqgha kif inhu bhala qies, jigi rinovat billi titranga l-art, jigu nstallati *bollards* u jitnehha parkegg wiehed sabiex il-vetturi jkollhom access ahjar. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jingabru tlitt kwotazzjonijiet sabiex dawn ix-xogholijiet jigu mplimentati bi priorita mill-Kunsill Lokali. |
| **17.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 17.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 13/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Lulju 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 17.10.2 | Fuq mozzjoni ta' Sur Neil Portelli ssekondat mis-Sur Ishmael Dalli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **17.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 17.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid-19.50p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 4 ta' Awwissu 2020.

Joseh Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

**ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL**
**DISPOSAL OF ASSETS**
**COUNCIL MEETING 17/2020 - 4TH AUGUST 2020**

| Code | Item Description / Model | Quantity | Cost |
|---|---|---|---|
| N/A | Printer - HP Laserjet P1102 | 1 | N/A |
| | Printer - HP Deskjet F2180 | 1 | |
| | Printer - HP Deskjet F2290 | 1 | |
| | HP Tower Computers | 3 | |
| | Large Wooden Shelf | 1 | |
| | Alcatel Telephones | 3 | |
| | Water Tanks | 3 | |
| | Generator HUTO | 1 | |
| | Jigger - Narex | 1 | |

| TOTAL ITEMS DISPOSED | 15 |
|---|---|









